MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 821/2008/1

**Paul Borg**

**v.**

**Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fil-11 ta' Awwissu 2008, li jaqra hekk:

"1. Illi huwa jahdem bhala *taxi driver* bil-*white taxi*;

“2. Illi huwa kien partecipi flimkien mal-membri l-ohra tal-Federazzjoni tat-Trasport fi *strike* generali;

“3. Illi huwa kien tressaq il-Qorti flimkien ma’ numru ta’ numru sewwieqa ohra akkuzat b’diversi reati;

“4. Illi fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali huwa dehrlu li kellu jirregistra ammissjoni pero` huwa appella mill-piena moghtija lilu ghax dehrlu li kellha tkun aktar mita;

“5. Illi l-Awtorita` ghat-Trasport Pubbliku dehrilha li kellha tordnalu jirritorna lura t-*tag* u dan anke fit-termini tal-Artikolu 131(6) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan minkejja li mal-maggoranza assoluta tax-xufiera mressqa ma ghamlitx dan;

“6. Illi l-esponent jilmenta illi meta l-Awtorita` pprocediet biex taghmel dan il-pass ma osservatx il-principji ta’ Gustizzja Naturali u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Prevja li tiddikjara li l-agir tal-Awtorita` kovenuta kien wiehed irregolari ghax imur kontra d-dispozizzjoni tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Thassar id-decizjoni moghtija;

“3. Tordna lill-Awtorita` tirristitwilu lura t-*tag.*

“Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli billi, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw stante li r-rikorrenti kellu ghad-disposizzjoni tieghu procedura apposita u cioe` rimedju fejn seta' appella mid-decizjoni, mertu tal-kaz odjern, quddiem il-Bord ta' Appelli dwar it-Trasport imwaqqfa mill-Att Nru. V tal-2008 u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata mhiex wahda bbazata fuq id-diskrezzjoni amministrattiv izda hija decizjoni mehuda fuq bazi u regoli cari, stretti u tassattivi u ghalhekk l-azzjoni kif intavolata u cioe` kif ibbazata fuq l-Artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kap. 12 hija inammissibbli u kwindi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"3. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghal premess, id-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija bbazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 131 tal-Avviz Legali 65.11 hu hija gusta, korretta u legali u ghalhekk ukoll it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

"4. Salvi risposti, eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2008, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta u ddecidiet li l-attur m'ghamilx hazin li ressaq din il-kawza ghaliex ma jirrizultax li hu kellu tassew rimedju iehor xieraq biex jikkontesta l-ghemil amministrattiv mehud kontrih jew li naqas li jinqeda b'dak ir-rimedju bla ebda raguni tajba, u ordnat li s-smiegh tal-kawza jitkompla bit-trattazzjoni fil-meritu; spejjez rizervati.

Rat is-sentenza fil-meritu li tat l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"...ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' mħarrka li tirtira t-*tag* ta' sewwieq tal-attur u r-rifjut tagħha li terġa' tqis dik id-deċiżjoni meta ntalbet li tagħmel dan, saru bi ksur tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u għalhekk ma jiswewx;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' mħarrka fil-konfront tal-attur, li għandu jitqies imqiegħed mill-ġdid fl-istat li kien fih dwar il-liċenza tiegħu minnufih qabel ittieħdet dik id-deċiżjoni, u b'dan qiegħda tindirizza wkoll **it-tielet talba attriċi**;

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Awtorita' mħarrka fil-mertu; u

"**Tikkundanna** lill-Awtorita' mħarrka **tħallas l-ispejjeż tal-kawża,** magħduda dawk marbutin mas-sentenza preliminari tat-2 ta' Ottubru, 2008."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-fatti ewlenin li jgħoddu għall-każ juru li l-attur huwa sewwieq ta' *taxi* u minnha jaqla' l-għixien tiegħu. Huwa msieħeb f'assoċjazzjoni msejħa l-*White Taxi Services Amalgamated* li tagħmel parti mill-Federazzjoni tat-Trasport;

"Illi f'Lulju, 2008, hu ħa sehem f'azzjoni "ta' simpatija" msejħa mill-imsemmija Federazzjoni biex tipprotesta dwar bidliet li l-Gvern fi ħsiebu jdaħħal fis-sistema tat-trasport pubbliku. Ftit jiem wara, l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mixli b'diversi reati. Huwa ammetta l-akkużi. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Lulju, 2008, l-attur ingħata piena ta' tmintax-il xahar ħabs sospiżi għal tliet snin u immultat. Kien hemm ħamsa oħrajn minn sħabu li tressqu wkoll, minbarra sewwieqa f'oqsma oħrajn tat-trasport pubbliku[1]. Huwa ressaq appell mis-sentenza mogħtija kontrih, imma l-appell ma ntlaqax. Sadattant, fit-30 ta' Lulju, 2008, l-Awtorita' mħarrka talbitu jroddilha lura t-*tag* maħruġa biex

[1] Xhieda ta' Alfred Paċe 2.12.2008, f'paġ. 36 tal-proċess

hu jkun jista' jaħdem bħala sewwieq ta' *taxi*. Għall-bidu, l-attur ma riedx joqgħod għal dik id-deċiżjoni għaliex kien qiegħed jgħid li billi kien appella mis-sentenza, ried jistenna sakemm jinqata' l-appell. Imma, wara li marru fuqu *enforcement officers* tal-Awtorita' mħarrka, hu qagħad għal dik it-talba[2]. L-assoċjazzjoni tas-sewwieqa tat-*taxis* tat lill-attur xi għajnuna finanzjarja għall-ħamest ijiem tax-xogħol li tilef bl-azzjoni meħuda meta kien inżamm taħt arrest;

"Illi fil-bidu ta' Awwissu, l-attur qabbad avukat biex f'ismu tikteb lill-Awtorita' mħarrka biex terġa' taħsibha dwar id-deċiżjoni li titolbu jroddilha lura t-*tag*. Billi l-Awtorita' baqgħet tgħid li mxiet sewwa u skond il-liġi, ċaħdet it-talba tal-attur "sakemm jiġu konklużi l-proċeduri kriminali li hemm fil-konfront tiegħu"[3]. Fil-11 ta' Awissu, 2008, infetħet din il-kawża. Jumejn wara, ttieħdet fiżikament it-*tag* mingħand l-attur;

"Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ jittieħdu mill-ewwel talba tal-attur. Huwa jgħid li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' mħarrka biex tirtiralu t-*tag* li biha jista' jaħdem hija deċiżjoni magħmula b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ta' ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' dik id-deċiżjoni jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dik id-deċiżjoni [Art. 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12]. Minħabba f'hekk, l-attur jistenna li dik id-deċiżjoni – bħala għamil amministrativ – titħassar. Min-naħa tagħha, l-Awtorita' mħarrka tgħid li d-deċiżjoni tagħha ma kinitx taqa' fit-tifsira ta' għamil amministrativ, għaliex dak li għamlet kienet marbuta bih bil-liġi u ma kellhiex l-ebda diskrezzjoni f'dak li iddeċidiet;

"Illi l-attur iqis li, fir-rigward tiegħu, l-Awtorita' mħarrka mxiet bħala "tribunal amministrativ" li dwar l-operat tiegħu dawn il-Qrati jistgħu jintalbu li jistħarrġu s-siwi tad-deċiżjonijiet jew għemejjel tiegħu;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li, bid-deċiżjoni meħuda li tirtira t-*tag* lill-attur u li tirrifjuta li terġa' tqis id-deċiżjoni tagħha

[2] Xhieda ta' Emanuel Gatt 2.12.2008, f'paġ. 58 tal-proċess
[3] Dok "VD", f'paġ. 18 tal-proċess

meta hekk mitluba minnu (permezz tal-avukat tiegħu), l-Awtorita' mħarrka kienet, fil-fatt, qiegħda twettaq għamil amministrattiv kif imfisser mil-liġi. Dan jingħad kemm għaliex "deċiżjoni" taqa' taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv", imma wkoll għaliex dak ir-rifjut ukoll jikkostitwixxi nuqqas li dawn il-Qrati jistgħu jintalbu jistħarrġu;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li tal-Awtorita' mħarrka li ma tistax tilqa' l-argument meta tgħid li ladarba l-attur instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, hija ma kellha l-ebda għażla jew diskrezzjoni fis-sanzjonijiet li kellha tapplika kontrih. Ma hemm l-ebda dubju li l-Awtorita' mħarrka qatgħetha li tirtira (baqgħet tuża l-kelma "tissospendi", imma sal-lum ma qalitx kemm se' ttul tali sospensjoni, u sospensjoni indefinita m'hijiex wisq differenti minn revoka) t-*tag* tal-attur billi eżerċitat is-setgħa li tagħmel hekk kif mogħtija lilha mil-liġi[4]. Dik il-liġi turi biċ-ċar li tali setgħa hija waħda diskrezzjonarja u, fuq kollox, suġġetta għal proċediment stabilit mill-istess liġi[5] u li kien diġa' fis-seħħ meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-attur. Mhux hekk biss, imma ntwera bil-fatti li l-miżura meħuda kontra l-attur tirriżulta fattwalment diskrezzjonarja għaliex l-Awtorita' ma ħaditx l-istess passi kontra ħaddieħor li kien fl-istess ilma miegħu;

"Illi l-ilment ewlieni tal-attur hu li, fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha, l-Awtorita' naqset li tisma' x'kellu xi jgħid qabel għaddiet għall-miżuri ta' sanzjoni meħudin kontrih. Fi kliem ieħor, l-attur jilminta minn ksur bi ħsara għalih ta' wieħed mill-prinċipji ewlenin ta' ħaqq naturali, jiġifieri l-prinċipju ta' smigħ xieraq fl-*audi et alteram partem*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-ħtieġa li tribunali jew awtoritajiet amministrativi jħarsu b'mod skrupluż it-tħaddin ta' dawn il-prinċipji hija waħda li m'għandux ikun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi biex wieħed japplikaha. It-tħaris ta' dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-għamil amministrattiv. Għall-kuntrarju, in-nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-prinċipji jwassal

[4] Art. 34(1) tal-Kap 332
[5] Artt 34(5) u (6) tal-Kap 332

għall-irritwalita’ tal-għemejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom[6];

“Illi mill-provi mressqa waqt is-smigħ ta’ din il-kawża, ħareġ b’mod ċar li minn dak inhar li l-Awtorita’ saret taf li l-attur kien ammetta l-akkużi mressqa kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sad-data meta qatgħetha li tirtiralu t-*tag*, lill-attur la qatt bagħtet għalih u lanqas semgħet x’kellu xi jgħidilha[7]. Ma hemm l-ebda dubju għalhekk li mhux talli ma sarx smigħ xieraq fil-konfront tiegħu imma lanqas biss sar smigħ. Din is-sura ta’ mġiba tikkostitwixxi ksur fid-dieher tal-proċedura speċifika li l-istess Awtorita’ hija marbuta li ssegwi taħt id-dispożizzjonijiet espressi tal-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta’ Malta (jiġifieri dak l-Att li bis-saħħa tiegħu twaqqfet l-Awtorita’). Dik il-proċedura hija waħda tassattiva u tibda tgħodd sa minn “meta l-Awtorita’ tkun qed tipproponi li tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza, jew li tissospendi jew tħassar liċenza”[8]. It-*tag* li ttieħdet mingħand l-attur hija l-manifestazzjoni esterna tal-liċenza li biha huwa seta’ jaħdem bħala xufier ta’ *taxi*;

“Illi l-Qorti tqis li fost il-mezzi l-iżjed fundamentali biex jitħares il-jedd tal-*audi et alteram partem* wieħed jista’ jsemmi kemm il-ħtieġa tal-pre-avviż u kif ukoll dik tas-sehem effettiv fil-proċess li jkun se’ jwassal għat-teħid tad-deċiżjoni amministrattiva. Dwar il-pre-avviż, ingħad li “*Natural justice generally requires that persons liable to be directly affected by proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they may be in a position: (a) to make represenatations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet. ... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him*

---

[6] App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd***

[7] Xhieda ta’ Vincent Micallef Pule’ 4.2.2009, f’paġġ. 72 – 3 tal-proċess

[8] Dawk id-dispożizzjonijiet jagħmlu mill-Att V tal-2008 li sar liġi fis-seduta Parlamentari tad-29.1.2008, u ngħata l-kunsens Presidenzjali fl-1.2.2008, u għalhekk daħal fis-seħħ qabel il-każ tal-attur ladarba ma fih l-ebda artikolu li jgħid li d-dħul fis-seħħ kellu jsir b’xi Avviż Legali

*proper notice was tantamount to a denial of an opportunity to be heard on that matter*"[9]. Fil-każ tal-lum, l-attur ma ngħata l-ebda pre-avviż, imma biss tagħrif dwar deċiżjoni li kienet ittieħdet diġa';

"Illi dwar l-aspett tas-smigħ effettiv, tqanqal il-punt li l-Awtorita' tant ħarset il-prinċipju tas-smigħ xieraq li, meta l-avukat tiegħu bagħtet tgħarrafha li hu kien appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, l-Awtorita' qatgħetha li, sakemm jinqata' dak l-appell, kienet qiegħda tibdel id-deċiżjoni oriġinali tagħha (li tirrevoka l-liċenza tal-attur) għal waħda ta' sospensjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan il-bdil ta' atteġġament (li, wara kollox, baqa' ma ssarraf fl-ebda vantaġġ prattiku għall-attur) ma jifdix in-nuqqas tal-bidu. Dan jingħad għaliex, għalkemm huwa possibbli li deċiżjoni milquta b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipju tas-smigħ xieraq tista', f'xi każijiet, tissewwa billi jingħata smigħ rimedjali wara li tkun ittieħdet deċiżjoni bħal dik[10], smigħ bħal dak irid ikun indirizza n-nuqqasijiet imġarrba bid-deċiżjoni wkoll. F'dan il-każ, imbagħad, sal-lum lanqas smigħ rimedjali ma ngħata lill-attur;

"Illi bla ma ttawwal wisq fuq dan l-aspett, il-Qorti tagħmel tagħha l-ħsieb imfisser wisq tajjeb f'sentenza li ngħatat dan l-aħħar minn din l-istess Qorti (diversament presjeduta)[11] f'każ li wkoll kien jittratta l-ksur tal-prinċipju tal-*audi et alteram partem*, u b'mod partikolari fejn iċċitat silta li tgħid "*The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual*"[12]. Issa, fil-każ tal-lum, mhux talli l-leġislatur ma neħħiex din il-ħtieġa tal-ħarsien

---

[9] Evans *De Smith's Judicial Review of Administrative Action* (4th Edit.), paġ. 196
[10] *Ibid*, ara paġġ. 193 u 242 - 3
[11] P.A. JA **27.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Il-Prim Ministru et*** (appellata)
[12] Fil-każ ***L'Alliance des Professeurs Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec*** (1953) li, fis-sewwa, huwa meħud mid-*dictum* ta' Parke L.J. fil-kawża ***Bonaker vs Evans*** (1850) 16 Q.B. 162

tal-prinċipju tas-smigħ xieraq minn każ bħal tal-attur, imma talli b'bidliet li daħħal fil-liġi fl-2008, stabilixxa espressament l-applikazzjoni tiegħu;

"Illi l-Awtorita' mħarrka tisħaq li l-miżura li ħadet kontra l-attur ma kinitx "tikkostitwixxi sorpriża jew aġir wara dahar l-attur billi hu kien ben konsapevoli li l-kondotta tajba hija rekwiżit essenzjali sabiex ikollu *tag* ta' identita'"[13]. Hija żżid tgħid ukoll li l-għamil li dwaru l-attur kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati kien ukoll jiġġustifika d-deċiżjoni tal-istess Awtorita' li tirtira t-*tag*. Il-Qorti, filwaqt li tagħraf il-gravita' tal-azzjonijiet tal-attur (li, madankollu, tagħhom ħallas il-prezz bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' kompetenza kriminali), ma tistax tilqa' dawn iż-żewġ argumenti tal-Awtorita' mħarrka, għall-finijiet tal-kawża li għandha quddiemha llum. In-nuqqas li minnu jilminta l-attur huwa fuq il-ksur tal-proċedura li l-Awtorita' mħarrka wettqet bi ħsara għalih meta qatgħetha li tirtiralu t-*tag*. Dan in-nuqqas jirriżulta b'mod indiskutibbli mill-atti tal-kawża;

"Illi f'dan il-waqt huwa meħtieġ li jitfakkar li f'din l-għamla ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għamil amministrativ, xogħol din il-Qorti m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li l-korp amministrativ mistħarreġ kien kompetenti li jqis[14]. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għamil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

"Illi dan ifisser ukoll li jekk qorti ta' kassazzjoni, bħalma hija l-funzjoni ta' din il-Qorti f'din il-kawża, tipprovdi għar-

[13] Nota tal-Osservazzjonijiet, § 2, f'paġ. 83 tal-proċess

[14] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha

reintegrazzjoni fid-drittijiet proċedurali tal-persuna mġarrba mid-deċiżjoni amministrativa li tkun, hija ma tkunx b'daqshekk daħlet biex tagħti r-rimedju sostantiv li jispetta biss lill-Awtorita' mħarrka[15]. Għandu jkun ġuridikament ovvju li bejn iż-żewġ għamliet ta' reintegrazzjoni hemm differenza. Għalhekk, safejn it-talbiet tal-attur jitolbu l-għoti ta' ordni biex l-Awtorita' mħarrka terġa' tagħtih lura t-*tag* tas-sewqan, dan ma jistax isir, għalkemm dak li din il-Qorti sejra tipprovdi dwar it-talbiet l-oħra għandu jagħti konsegwenza loġika għal tali talba wkoll;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha:

"...tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Mejju 2009, fil-kawza fl-ismijiet premess billi tichad it-talbiet kollha attrici u sussegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex l-appell tal-Awtorita` appellanti jigi rigettat bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur huwa ufficjal fil-*White Taxi Services Amalgamated*, oltre li jahdem bhala xufier ta' mezz ta' trasport pubbliku ghall-ghixien tieghu. F'Lulju tal-2008 ippartecipa ma' diversi xufiera ohra f'azzjoni industrijali. Hu gie akkuzat b'reat kriminali, ammetta l-akkuza u nstab hati. Hu appella ghal quddiem il-Qorti Kriminali dwar il-piena inflitta, pero` s-sentenza giet konfermata. In vista ta' dan, l-Awtorita` konvenuta rrevokatlu t-*tag* ta' identita` li

[15] App. Inf. **13.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Mifsud vs Malta Enterprise Corporation***

ghandhom bzonn xufiera biex jahdmu fit-trasport pubbliku. L-Avviz Legali 128/94, mahrug bis-sahha tal-Att dwar Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta (Kapitolu 332 tal-Ligijiet ta’ Malta), partikolarment ir-regolament 131, jaghti poter lill-Awtorita` li tkun ‘tista’ tirtira t-*tag* tal-identita` jekk id-detentur ma jibqax jissodisfa aktar ir-rekwizit ta’ ‘kondotta tajba’. Skont l-Awtorita`, il-ligi ma taghtiha ebda diskrezzjoni, fis-sens illi persuna jew ghandha jew m’ghandhiex kondotta tajba, u jekk m’ghandhiex din ma tistax tinhargilha *tag* ta’ identita`.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-attur wara li qieset li fit-termini tal-*enabling law*, partikolarment l-Artikolu 34 tal-imsemmi Kap. 332, tali setgha moghtija lill-Awtorita` hija wahda diskrezzjonarja, u kwindi hu mehtieg li d-detentur tat-*tag* jinghata smiegh qabel ma tittiehed decizjoni li din tittihidlu.

L-Awtorita` konvenuta appellat mis-sentenza, u osservat li filwaqt li l-kelma ‘tista’ mhijiex dejjem permissiva, imma ta’ spiss ghandha tigi interpretata bhala *“placing a duty on those on whom the faculty or power is placed by a statute of exercising it”*, hi ma ghandhiex diskrezzjoni ghax hi obbligata li ssegwi r-regolament 131 u tirtira t-*tag* tal-identita` lil min ma jkunx ta’ kondotta tajba.
Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-Awtorita` konvenuta. Hu veru li jekk jirrizulta li detentur ta’ *tag* mhux ta’ kondotta tajba, l-Awtorita` ghandha l-fakolta` tirtira t-*tag* ta’ identita`, pero`, il-kwistjoni jekk d-detentur hux ta’ kondotta tajba jew le, hi materja li trid tiddeciedi l-Awtorita` b’harsien tal-principju ta’ gustizzja naturali. L-Awtorita` f’dan il-kamp, tezercita funzjoni kwazi-gudizzjarja, u jrid ikun hemm mekkanizmu fejn tigi diskussa u deciza l-kondotta ta’ dak li jkun. Meta detentur ta’ *tag* ikun akkuzat li ma baqax jissodisfa aktar ir-rekwizit ta’ kondotta tajba, irid jigi mgharraf b’din l-akkuza, u jrid jinghata l-opportunita` jiddefendi ruhu. Kif osservat l-ewwel Qorti, il-principji ta’ gustizzja naturali jirrikjedu li dak li jkun jinghata pre-avviz ta’ dak imputat lilu, u li jinghata l-oppurtunita` jipprepara l-kaz tieghu u jiddefendi l-posizzjoni li jrid jadotta. L-agir tal-Awtorita` konvenuta effettivament icahhad lill-attur mid-dritt li jhares b’mod xieraq l-interessi

tieghu. Fil-ktieb "Administrative Law" (H.W.R Wade & C.F. Forsyth, 10th Edit. Pagna 428), jinsab osservat li:

*"...a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them." ... Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly inlcuded in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing'."*

Mhux mehtieg li l-process ikun hekk formali li jsir jixbah dak li jsehh quddiem tribunal gudizzjarju, izda hu mehtieg li persuna akkuzata b'kondotta mhux korretta tithalla tiddefendi ruhha.

Il-fatt li l-attur, f'dan il-kaz, instab hati ta' reat mill-Qrati taghna ma jfissirx necessarjament li ghandha titnehhilu t-*Tag*, specjalment meta, f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fis-sentenza li tat fil-25 ta' Lulju 2008, fil-konfront tal-attur qieset, fl-ghoti tal-piena, "il-fedina penali netta tal-istess imputat Paul Borg".

Ir-regolament 131 imsemmi jaghti fakolta` lill-Awtorita` konvenuta tohrog *tag* ta' identita` lil min 'fil-fehma' taghha jkollu kondotta tajba, u biex tirtira din it-*tag* ghandha wkoll tesprimi 'fehma' bazata fuq ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u mhux billi awtomatikament torbot id-decizjoni ma' sejba ta' htija minn Qorti Kriminali, minghajr ma taghti lil dak li jkun l-opportunita` jispjega c-cirkostanzi tar-reat.

L-Awtorita` tghid li ma hux fl-interess pubbliku li l-attur jithalla jopera fit-trasport pubbliku. Dan jista' jkun minnu,

pero`, irid isir process kwazi-gudizzjarju qabel ma tittiehed decizjoni bhal din li tista' taffetwa l-ghixien ta' persuna. Ricentement it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, fil-kawza **Sciberras v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fis-26 ta' April 2012, osserva li mexa hazin il-Kummissarju tal-Pulizija meta rrifjuta li jgedded licenzja ta' gwardjan privat fuq is-semplici motiv li l-applikant kien instab responabbli ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; osserva li l-Kummissarju kellu jezamina c-cirkostanzi tal-applikant biex jara ghandux jichad it-talba in bazi ghal konsiderazzjonijiet dwar l-interess pubbliku. It-Tribunal, wara li ezamina hu c-cirkostanzi tal-kaz, osserva illi filwaqt illi kien minnu li r-rikorrent zbalja, ma jqisx li huwa jikkostitwixxi xi perikolu ghal interess pubbliku. Huwa ezami bhal dan li kellha taghmel l-Awtorita` f'dan il-kaz, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tara jekk fil-fehma konsiderata taghha kellhiex tiskwalifika lill-attur bhala persuna mhux ta' kondotta tajba jew le.

Fl-ahhar nett, ghandu jigi osservat li fil-kuntest tal-principji ta' gustizzja naturali, inghad *a propositu*, li n-nullita` ta' xi decizjoni ghandha tigi pronunzjata anke jekk l-istess decizjoni tkun sostanzjalment gusta. Lord Wright fil-kawza Ingliza, **General Medical Council v. Spackman**, deciza mill-House of Lords fl-1943, osserva:

*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."*

Hekk tajjeb gie deciz f'dan il-kaz mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-Awtorita` appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------